**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tat-Tlieta 19 ta' April, 2016**

**Rikors Guramentat numru:- 22/2016JVC**

**Joseph Vella (Ginger) Limited**

**Vs**

**Saviour Borg li b'digriet tal-1 ta'April, 2016 gie nominat kuratur deputat biex jidher ghall-imsiefra Frank u Angie konjugi Borg, li qed jghixu fl-Awstralja**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Illi s-socjeta' attrici ghandha negozju ta' bejgh ta' materjal tal-bini fosthom hadid u siment.

2. Illi l-konvenut Frank Borg kellu negozju ta' kostruzzjoni.

3. Illi l-konvenut Borg kien jixtri kwantita' ta' materjal tal-bini minghand is-socjeta' attrici.

4. Illi skont skrittura datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) maghmula bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti konjugi Borg gie ddikjarat li (i) l-ammont dovut mill-istess konvenuti bi hlas ghal dan ix-xiri kien jammonta ghal tmienja u tletin elf sitt mija u tmienja u sittin Euro u tmienja u hamsin centezmu (EUR38,668.58), kif ukoll li (ii) kemm dan l-ammont u anki l-imghax dovut fuq il-bilanc li kellu jiddekorri bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' l-iskrittura, kellu jithallas fi zmien sena mid-data ta' l-istess skrittura.

5. Illi minn dan l-ammont il-konvenuti ghamlu xi pagamenti, izda l-kapital u mghax ma gewx saldati fi zmien sena kif stipulat, u dana bil-konsegwenza li fadal jithallas l-ammont ta' tlieta u tletin elf, mija u hamsa u sittin euro u erbgha u sittin ewro centezmi (€33,165.64), oltre mghax ulterjuri b'effett mis-sittax (16) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015), u dana kif muri fl-iskeda hawn annessa bhala Dokument B.

6. Illi noltre ricentement il-konvenuti konjugi Borg emigraw lejn l-Awstralja u ma jidhirx li hemm hjiel dwar meta ser jirritornaw lura.

7. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artiklu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti li jithallas id-dejn dovut mill-intimati li hu dejn cert, likwidu u dovut permezz tal-proceduri sommarji specjali, u dan ghaliex fil-fehma tar-rikorrenti l-intimati jew min minnhom m'ghandhomx difiza xi jressqu kontra t-talbiet ghall-hlas.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tisma' u tiddeciedi skont it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili,

2. Tiddikjara l-konvenuti m'ghandhomx difizi xi jressqu kontra t-talbiet ghall-hlas;

3. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ghandhom jhallsu lill-esponenti s-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u hamsa u sittin euro u erbgha u sittin euro centezmi (€33,165.64), oltre mghax ulterjuri b'effett mis-sittax (16) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015);

4. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu s-somma msemmija tlieta u tletin elf, mija u hamsa u sittin euro u erbgha u sittin euro centezmi (€33,165.64), oltre mghax ulterjuri b'effett mis-sittax (16) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015), sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura u tal-mandat ta' inibizjoni fl-istess ismijiet ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Is-socjeta' attrici tirriserva kwalunkwe rimedju u dritt iehor spettanti lilha skont il-Ligi.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' April, 2016 Saviour Borg ghan-nom ta' Frank u Angie Borg ikkonferma bil-gurament illi s-somma dovuta mill-konvenuti lis-socjeta' attrici hija dik indikata fir-rikors guramentat u anke l-imghax kif mitlub.

Is-socjeta' attrici da parti taghha ddikjarat li m'hijiex ser tesegwixxi d-decizjoni qabel it-trapass ta' sitt xhur mis-sentenza in vista ta' ftehim bejn il-partijiet.

Il-partijiet qablu li l-kawza tmur ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li fl-ewwel smiegh ta' din il-kawza l-konvenut nomine ammetta il-pretensjonijiet kollha tas-socjeta' attrici fil-konfront taghhom u dan stante li rrizulta li bejn il-partijiet kien lahaq sar ftehim dwar kif ser tithallas is-socjeta' attrici mill-konvenuti b'dana li s-socjeta' attrici qablet ukoll li taghti terminu ta' sitt xhur mid-decizjoni qabel ma tipprocedi biex tezegwixxi s-sentenza.

Illi in vista tas-suespost huwa car li l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici gew sufficjentement pruvati u l-Qorti ser tghaddi ghad-decizjoni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant il-Qorti, in vista tas-suespost, taqta' u tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

(i) tiddikjara l-ewwel u t-tieni talba attrici bhala sorvolati u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom;

(ii) tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u hamsa u sittin euro u erbgha u sittin euro centezmi (€33,165.64), oltre mghax ulterjuri b'effett mis-sittax (16) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015);

(iii) tilqa' r-raba' talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u hamsa u sittin euro u erbgha u sittin euro centezmi (€33,165.64), oltre mghax ulterjuri b'effett mis-sittax (16) ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015), sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-konvenuti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur